**Imbierka mis-smewwiet**

Għaddejja mit-tbatija
Xorta tibqa' sabiħa,
Ghax ruhek kollha safa
Qalbek fil-ħniena sħiħa.

Meta nkun fil-preżenza
Tiegħek mimlija ħlewwa,
O kemm ninsa ħtijieti
Inkun ferħan fis-sewwa.

Għax x'jiġbidni lejk jekk mhux
Dik qalbek kollha mħabba,
Li lili tant tkellimni
Tisqini ferh li jxabba.

U jien sempliċi bniedem
Nintasab hemm nirċievi,
Il-fejqan l'hemm fis-sema
Għalija ilma ġieri.

Hekk tibqa' int tgħix f'qalbi
Kemm fil-boghod u fil-viċin,
Int il-lehen t'dak Kristu
Li jħobb lil min hu miskin.

Ibqa' aħdem bil-paċi
Terraq lejn min hu batut,
Għax b'dak li għandek f'qalbek
Int faraġ għal min mixħut.

Tħarreġ sewwa f'talbietek
Itfa' idejk fuq il-moħriet,
Xerred madwarek is-sliem
Mara mbierka mis-smewwiet.

Patri Mario Attard OFM Cap
1 ta' Frar 2025

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen